Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Numru: 1/2017

**Donnha Marie Zammit (ID Nru 196192M)**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali**

6 ta' Ottubru, 2017.

1. Permezz ta' rikorsipprezentat fl-14 ta' Frar 2017 ir-rikorrenti talbet lill-qorti sabiex thassar id-decizjoni tat-13 ta' Jannar 2017 li nghatat mill-Arbitru taħt l-Att dwar is-Sigurta Soċjali li biha cahdet it-talba tagħha sabiex thassar id-decizjoni tal-intimat li ghandha thallsu lura s-somma ta' tmint elef tmien mija u sitta u ghoxrin ewro u tnejn u disghin centezmu (€8,826.92), ghajnuna socjali li kienet irceviet matul il-perjodu 23 ta' Novembru 2013 sal-20 ta' Novembru, 2015 minhabba li l-kapital taghha jeccedi dak li tikkontempla l-ligi.

2. Fis-16 ta' Marzu 2017 l-appellat wiegeb u ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

3. Fil-parti dispozittiva tad-decizjoni jinghad:

*"Decide*

*Ghaldaqstant l-Arbitru, filwaqt illi jaghmel riferenza ghas-suespost u ghat-talbiet tal-Appellant kif dedotti u ghall-provi kollha migjuba, jiddisponi minn dan l-Appell billi:*

*i.Jikkonferma illi l-Appellanti ma kenitx ghadha ntitolata ghall-Ghajnuna Socjali stante illi kienet qed icahhad lilha nnifisha minn introjtu u l-valur tar-rizorsi kapitali kienu*

*jeccedu l-EUR 14,000 u dan ghall-perjodu bejn 23 ta' Novembru 2013 u l-20 ta' Novembru 2015.*

*ii.Jikkonferma illi rizultat tal-iskwalifika tal-Appellanti ghall-Ghajnuna Socjali, l-Appellanti thallset zejjed is-somma ta' EUR 8,826.92 u dan ghall-perjodu bejn 23 ta' Novembru 2013 u l-20 ta' Novembru 2015.*

*iii.Jikkonferma li d-decizjoni tad-Direttur tal-25 ta' Novembru 2015 hija gusta u timmerita konferma.*

*iv.Jichad l-appell tal-appellanti."*

4. **Fatti.**

i. Fid-9 ta' Awissu 2011, ir-rikorrenti xtrat appartament Flat 4, Ison, Triq il-Kbira, Qormi. Ma jirrizultax li dak iz-zmien kienet infurmat lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali. Fil-kuntratt l-appellanti ddikjarat li xtrat il-fond sabiex jintuza bhala l-uniku residenza taghha.

ii. Erbat ijiem wara u proprju, fit-13 ta' Awissu 2011, l-appellanti applikat ghall-Ghajnuna Socjali bhala *"Single Unmarried Parent"* u baqghet tircevieh sal-20 ta' Novembru 2015.

iii. Minn rapport li sar mid-Dipartiment ghall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Beneficcji (datat 4 ta' Settembru, 2015), jirrizulta li f'Marzu 2014 id-Dipartiment kien beda jigbor lura minghand l-appellanti s-somma ta' €5,717.59 ghaliex il-kapital taghha kien jeccedi s-somma ta' €14,000 kontemplata mil-ligi bħala massimu ta' valur ta' kapital li wieħed jista' jkollu biex jirċievi dan il-benefiċċju. Dan kien b'riferenza ghall-perjodu mit-13 ta' Awissu, 2011 sad-19 ta' Ottubru, 2012.

iv. George Azzopardi, missier it-tifel tal-appellanti, kien registrat bhala residenti fl-imsemmi fond b'effett mit-13 ta' Ottubru, 2012. Fis-16 ta' Ottubru, 2012 applika ghall-Ghajnuna ghall-Qghad u bhala ndirizz ta' residenza semma l-fond tal-appellanti.

v. Fl-24 ta' Settembru 2014, l-appellanti tat avviz lid-Dipartiment li bidlet l-indirizz fejn tghix, ghalkemm kienet ghadha tghix mal-

genituri. Iddikjarat ukoll illi kienet proprjetarja tal-immobbli provenjenti minn wirt u li kienet qed tirrisjedi terza persuna f'dan l-appartament minghajr ma tħallas kera. Iddikjarat dħul ta' €25 fil-gimgha bhala manteniment.

vi. Permezz ta' ittra datata 25 ta' Novembru 2015, l-appellat gharraf lill-appellanti li thallset zejjed is-somma ta' tmint elef tmien mija sitta u ghoxrin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€8,826.92) f'ghajnuna socjali ghall-perjodu bejn 23 ta' Novembru 2013 u l-20 ta' Novembru 2015 minhabba li "CAPITAL EXCEEDS".

vii. B'ittra datata 7 ta' Dicembru 2015, l-appellanti appellat id-decizjoni tal-appellat u argumentat: "*Veru li l-klijenta tieghi ghandha l-appartament li jinsab Flat 4, Ison Triq il-Kbira Hal Qormi, izda dan kien* ***xtrajulha missierha*** *kif jidher mill-anness kopja tac-cheque li missierha hareg dakinhar tal-kuntratt liema ammont jinkludi l-ispejjez tal-kuntratt. Il-post ukoll gie komplut minn missierha kif jigi pruvat waqt l-appell u li l-partner taghha* ***kien biss ghal dawn l-ahhar xhur li kien qed jirrisjedi fil-fond taghha***".

viii. Il-perjodu rilevanti hu mit-23 ta' Novembru, 2013 sal-20 ta' Novembru, 2015.

5. **<u>Aggravji.</u>**

Fil-qosor l-aggravji mressqa mill-appellanti huma s-segwenti:

(a) L-Arbitru ghamel apprezzament hazin tal-fatti tal-kaz;

(b) L-Arbitru ghamel interpretazzjoni ta' donazzjoni;

(c) Illi jekk hemm flus dovuti, dawn jirrigwardjaw il-perjodu minn meta l-post kien abitabbli cioe fis-sena 2016 u mhux qabel stante li ebda prova kuntrarja ma gab id-dipartiment ghal fatt li l-post ma setax u ma kienx abitabbli fit-23 ta' Novembru 2013 u fl-20 ta' Novembru 2015;

(d) Lanqas mal-appellat qatt baghat ghall-appellanti sabiex jigbor taghrif minghandha kif jinghad fl-artikolu 97(1)(b) tal-Kap 318;

(e) Illi hija ma ghandhiex tbati spejjez stante li hija dejjem qalet il-verita' u ddikjarat kollox mad-dipartiment.

6. L-appellat jargumenta li:

*"14. Illi d-Direttur appellat ha d-decizjoni tieghu abbazi tal-artikolu 30 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn jigi stipulat bhala regola generali li "...izda b'dan illi meta l-persuna assigurata tkun ta' familja li l-mezzi fil-gimgha totali taghha (wara li jittiehed kont tal-membri kollha tal-familja) kalkolati skont it-Taqsima VI tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att ma jkunx izjed mir-rata ta' skala ghal dik il-familja, kif stabbilit bil-kolonna rilevanti tat-Taqsima I tas-Sitt Skeda li tinsab ma' dan l-Att, ... u sew jekk dak il-kap tal-familja jkunx f'impjieg assigurabbli jew le, huwa jkun xorta wahda intitolat ghal Ghajnuna Socjali skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu';*

*15. Illi t-Taqsima VI tat-Tieni Skeda taghmel referenza ghat-Taqsima II tal-istess Skeda. Din it-Taqsima II tat-Tieni Skeda, f'paragrafu 1 sub-inciz (a) telenka dak kollu li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghal kalkolu tal-mezzi ta' beneficcjarja, fosthom "il-valur ta' kull proprjeta' inkluza kull proprjeta' mqieghda fi trust (minbarra d-dar tar-residenza) ... li hija jew tista' tkun, investita jew uzata bi qligh b'eskluzjoni ta' ghamara, gojjellerija jew oggetti ohra personali: Izda meta l-flus fil-bank u fl-idejn (inkluzi assi likwidi, depoziti ghal xi zmien, bonds, stocks, azzjonijiet u titoli ohra), flus imqieghda f'xi trust u l-valur kapitali ta' kull proprjeta' immobbli urbana inkluz t-tqeghid kollu ta' dik il-proprjeta' fi trust (bl-eskluzjoni tad-dar fejn wiehed joqghod) li ma tkunx qieghda tintuza bi qligh, ikunu flimkien jaqbzu: (i) EUR 14,000 fil-kaz ta' familja li tikkonsisti f'membru wiehed biss jew f'ghadd ta' membri li l-kap taghhom ikun persuna mhux mizzewga jew genitur singlu; il-persuna li tkun qed titlob l-Ghajnuna ghal Mard ma ghandhiex titqies li tkun intitolata ghal dik l-ghajnuna";*

*16. Illi sussegwentament il-proviso tal-paragrafu 1 sub-inciz (b) tal-istess Taqsima II tat-Tieni Skeda, irid jigi abbraccjat mas-subinciz (a) li jaqra "kull proprjeta' jew dhul li ghandhom ikunu kalkolati ghall-finijiet ta' din it-Taqsima skont id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan il-paragrafu ghandhom jinkludu kull proprjeta' jew dhul li xi membru tal-familja kif hawn qabel imsemmi f'din it-Taqsima kien direttament jew indirettament cahhad lilu nnifsu minnhom sabiex ikollu jedd ghal Ghajnuna ghal Mard jew sabiex ikollu jedd ghal rata aktar vantagguza";*

*17. Illi ghaldaqstant, l-artikolu 30 u l-iskeda hawn fuq imsemmija jistabilixxu certu rekwiziti li jridu sodisfatti mill-beneficcjarju/a. Fil-fatt dan ikompli jistghana billi l-gurisprudenza nostrana tkompli ssostni fuq dan, ezempju fis-sentenza fl-ismijiet Sonia Catania vs Direttur tas-Sigurta' Socjali, moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-22 ta' Mejju, 2009, fejn l-Imhallef Philip Sciberras illi "jittraxxendi minn dan illi l-ghotja tal-ghajnuna hi bazata fuq il-presuppost li jezistu r-rekwiziti stabbiliti f'dan il-provvediment rilevanti tal-Kap 318, anke ghaliex huwa proprju l-ezistenza ta' dan ir-rekwizit li jifforma n-nukleju fondamentali tar-rapport guridiku interkorrenti bejn l-Istat u l-beneficcjarju";*

*18. Illi stante d-Direttur ghandu fl-ewwel lok japprezza l-provi kollha migjuba a konjizzjoni tieghu, huwa ghandu bl-uzu ta' din id-diskrezzjoni jiddetermina jekk it-talba ghall-Ghajnuna Socjali kenitx ragjonevoli u soretta mil-ligi. Ghaldaqstant, id-Direttur appellat kien tal-umli fehma illi dawn ir-rekwiziti stipulati fl-artikolu 30 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta ma kienux qed jigu sodisfatti mill-appellanta fil-kaz odjern u b'hekk wasal ghad-decizjoni tieghu li jwaqqaf tali Ghajnuna Socjali sabiex fl-ahhar mill-ahhar ikun konformi mal-ligi hekk kif huwa rikjest li jaghmel f'kull cirkostanza;"*

7. L-appellanti tinsisti illi hija dejjem qalet il-verita'. Madankollu hemm numru ta' inkonsistenzi, minkejja li mill-atti ma jirrizultax li quddiem l-Arbitru kienet xehedet. Hekk per ezempju filwaqt illi l-appellanti ddikjarat li akkwistat il-fond permezz ta' wirt, fir-realta xtratu b'kuntratt tad-9 ta' Awissu, 2011 pubblikat min-nutar Antoine Agius. Ghalkemm fl-ittra tas-7 ta' Dicembru, 2015 qalet li George Azzopardi kien ilu biss ftit xhur ighix fl-imsemmi fond, minn dak li ddikjara Azzopardi jidher mod iehor.

8. Il-fond hu proprjeta tal-appellanti, irrispettivament minn min hallas il-prezz. It-titolu tal-appellanti hu l-kuntratt tad-9 ta' Awissu, 2011. Minn dakinhar l-appellant saret sid tal-appartament numru 4, Ison, Triq il-Kbira, Qormi. Fond li ma wzatx bhala residenza taghha.

9. Ghal dik li hu ghajnuna socjali, Taqsima VI tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318 tipprovdi li sabiex jigi determinat jekk persuna hijiex intitolata ghaliha jrid jittiehed qies tal-proprjeta skont Taqsima II tal-istess Skeda. Dan jinkludi l-valur ta' kull proprjeta, **minbarra d-dar tar-residenza**, ***"….li hija jew tista tkun, investita jew uzata bi qligh……"***. F'dan il-kuntest:

    i. Fil-perjodu in kwistjoni l-fond ma kienx id-dar ta' residenza tal-appellanti. Ghalkemm fil-kuntratt ta' akkwist hemm dikjarat li l-appellanti xtratu biex tmur tghix fih, jibqa' l-fatt li fiz-zmien rilevanti ma kienx ir-residenza taghha. Ghalhekk skont il-ligi jidher li l-appartament kellu jittiehed in konsiderazzjoni ghal finijiet biex jigi determinat jekk l-appellanti kinitx intitolata biex tircievi l-ghajnuna socjali.

ii. Hemm bizzejjed provi biex l-Arbitru setat tikkonkludi li ghallinqas zgur mit-12 ta' Ottubru, 2012 il-fond kien abitabbli. Hu minnu li l-appellanti pprezentat dikjarazzjoni ta' certu Mohib Abouzidan li x-xogholijiet fil-fond tlestew fl-ahhar ta' Lulju, 2015, pero' din id-dikjarazzjoni ma gietx sostanzjata bi provi. Id-dokumenti li pprezentat l-appellanti stess inisslu wkoll dubju fir-rigward tal-imsemmija dikjarazzjoni. Hekk per ezempju, hi ordni ghal kcina minghand Construct Furniture datata 11 ta' Awissu, 2011 u invoice ghax-xiri ta' appliances datata 29 ta' Mejju, 2012, li skont l-istess dokument kellhom jigu kkonsenjati fit-8 ta' Gunju, 2012.

10. Min jircievi l-ghajnuna socjali ghandu dmir li meta jkun hemm tibdil f'cirkostanzi, imur minn jeddu u jgharraf lid-Dipartiment bit-taghrif. Il-fatt li d-Dipartiment tas-Sigurta Socjali ma jibaghatx ghall-beneficjarja biex jinfurmah dwar cirkostanzi godda, ma jfissirx li jezonera lill-beneficjajra milli thallas lura beneficcji li ma kinitx intitolata ghalihom. Fl-applikazzjoni stess li ssir biex jinghata l-beneficcji socjali u li tiffirma l-beneficjarja, hemm dikjarazzjoni li tobbliga ruhha li tgharraf lid-Dipartiment b'tibidl ta' cirkostanzi. Fil-formola l-beneficjarja tiddikjara xi proprjeta ghandha. Ovvjament jekk wara li tinghata l-beneficcju ssir proprjetarja ta' fond, irrispettivament jekk huwiex b'titolu oneruz jew gratuwitu, ghandha obbligu li minn jeddha tgharraf lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali peress li dak il-fatt hu fih innifsu tibdil ta' cirkostanzi li jista' jeffetwa l-entitlement taghha ghall-hlas tal-beneficcju.

11. Ghal finijiet ta' dan il-kaz, il-perjodu rilevanti hu 23 ta' Novembru, 2013 sal-20 ta' Novembru, 2015. F'dak iz-zmien jidher li l-fond kien abitabbli tant hu hekk li d-Dipartiment kien inghata taghrif minn George Azzopardi li

qieghed ighix fih u l-appellanti ma kinitx qeghda tuzah bhala r-residenza taghha. Dan ifisser li matul dak il-perjodu l-appellanti kienet sid ta' fond li seta jintuza bi qliegh pero' minflok sellfitu lis-sieheb taghha.

12. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti tikkonkludi li mhemmx bazi biex jintlaqa' l-appell tar-rikorrenti.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.